4 ta' April, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Edgar Staines, O.B.E. ne. *versus* Joseph Schembri et.

**"Copyright" — Drittijiet ta' Awtur — Direttur ta' Orkestra — Sid ta' Teatru — Gratuwità — Reċiti ta' Benefiċenza — Danni — Likwidazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji — Copyright Act, 1911.**

*Il-liġi applikabili f'Malta f'materja ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' awtur hija l-Copyright Act, 1911.*

*Id-direttur ta' orkestra li jidderiġi publikament mużika koperta mill-Copyright jikkommetti vjolazzjoni ta' dawk id-drittijiet anki jekk huwa jippresta l-opera tiegħu gratwitament, jekk huwa jkun eżegwixxa x-xogħol tutelat mingħajr il-permess meħtieġ skond il-Copyright Act. Huwa biżżejjed li dik l-eżekuzzjoni ssir fil-publiku, mingħajr ma hemm bżonn li dik l-eżekuzzjoni ssir għal profitt.*

*Għall-kuntrarju, is-sid ta' teatru jew lok ieħor ta' tratteniment publiku, li jikkonċedi l-użu tal-lokal tiegħu għall-iskop fuq imsemmi mingħajr profitt, ma jikkommettix ksur tal-Copyright.*

*Il-miżura tad-danni fil-materja hija anki d-deprezzament kaġunat lill-valur tal-Copyright. Imma jekk l-eżekuzzjoni tkun saret fl-okkażjoni ta' reċita ta' benefiċenza, fil-likwidazzjoni tad-danni derivanti mill-ksur tal-Copyright għandu jitqies il-fatt illi fir-reċiti ta' benefiċenza hija solita tingħata riduzzjoni tal-20 fil-mija fuq id-drittijiet li soltu jitħallsu biex jingħata l-permess għall-eżekuzzjoni.*

*Għalkemm il-Copyright Act iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-inċidenza ta' l-ispejjeż f'kawża dwar ksur tal-Copyright, b'hekk ma għandux jitqies li saret b'xi mod derogazzjoni għar-regoli soliti li jiggovernaw il-kap ta' l-ispejjeż ġudizzjarji.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenuti, bla ebda permess ta' l-attur nomine, u in kontravvenzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-"Copyright Act, 1911", ipproduċew u eżegwew fir-Radio City Opera House, il-Ħamrun, fid-9 u fit-13 ta' Mejju 1945, wieħed mill-atti ta' l-opera lirika "La Boheme" ta' Giacomo Puccini, u b'hekk irrendew ruħhom responsabili għad-danni lejn id-ditta attriċi proprjetarja tad-dritt tal-Copyright; illi dik il-produzzjoni saret fuq mużika manoskritta u partituri magħmulin u forniti mill-konvenut Maestro Bugeja; talab li, wara li jiġu

magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) jiġi dikjarat u deċiż illi minħabba fil-fatti fuq esposti l-istess konvenuti huma responsabili għad-danni subiti mill-attur nomine in bażi għas-sezzjoni 6 (1) tal-"Copyright Act, 1911"; (2) il-konvenuti jiġu minn dina l-Qorti kundannati li jħallsu solidalment lill-attur nomine l-ammont tad-danni li jiġi likwidat favur tiegħu minħabba fil-fatti fuq indikati, bl-interessi legali mid-data tad-deċiżjoni; (3) il-konvenut Bugeja jiġi kundannat biex fi żmien qasir jikkonsenja lill-attur il-manoskritti, partituri u affarijiet oħra relativi għal dik l-eżekuzzjoni in pjena proprjetà lill-attur nomine, skond is-sezzjoni 7 ta' l-Att fuq imsemmi. Salva kull azzjoni oħra kompetenti lill-attur nomine in konnessjoni mal-fatti fuq indikati, speċjalment għal dak li jirrigwarda d-dritt tiegħu għall-inibizzjoni tal-konvenuti milli jużaw ebda partitura ħlief dik li tfornixxi d-ditta fuq indikata, proprjetarja tal-Copyright, u għal infrazzjonijiet oħra. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Jannar 1947, kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Maestro Vincenzo Bugeja, fol. 8, li fiha dan qal illi huwa ma kellu ebda interess fl-eżekuzzjoni tat-tielet att ta' l-opra "Boheme" ħlief li jippresta biss l-opera tiegħu ta' direttur ta' l-orkestra mingħajr ebda kumpens, peress li ż-żewġ rappreżentazzjonijiet saru a benefiċċju tas-"Sanatorium Fund", u għalhekk ma hux responsabili għad-danni msemmijin fl-ewwel u fit-tieni domanda; illi rigward it-tielet domanda, l-eċċipjent jiċħad li l-att fuq imsemmi sar fuq partitura manoskritta magħmula minnu. Dan sar minn persuna oħra inkarikata mill-promutur tar-rappreżentazzjonijiet għal benefiċċju tas-Sanatorium Fund; u għalhekk talab li hu jiġi meħruġ mill-kawża, u li jiġi msejjaħ fil-kawża t-Tabib Dr. Richard Toledo bħala rappreżentant tas-Sanatorium Fund. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Schembri fil-fol. 9, li fiha qal li hu silef it-Teatru Radio City lill-Kumitat kostitwit għall-"Malta Sanatorium Fund" gratuwitament, u mhux għal profitt privat ta' l-eċċipjent, u għalhekk ma ikkontravvjena ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Copyright Act,

1911, u talab li d-domanda fil-konfront tiegħu tiġi riġettata bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi ma jidherx li ġie kuntrastat illi fid-9 u fit-13 ta' Mejju 1945, saret fir-Radio City Opera House, allura ġestita mill-konvenut Schembri, eżekuzzjoni ta' att — it-tielet att — mill-opera lirika "La Boheme", taħt id-direzzjoni orkestrali tal-konvenut Maestro Bugeja;

Illi għandu jiġi l-ewwelnett osservat illi, kif ġie rilevat minn dina l-Qorti, allura presjeduta mill-Imħallef Dr. Robert Ganado, f'waħda mill-ewwel kawżi li nqalgħu minn mindu d-dritt tal-Copyright ġie aktar rigorożament tutelat hawn Malta bin-nomina ta' rappreżentanti lokali, ċjoè fil-kawża "Portelli vs. Mackay", maqtugħa fl-10 ta' Marzu 1932, il-liġi applikabili għall-materja bħal ma hija dik involuta f'din il-kawża hija l-Copyright Act ta' l-1911 ( 1 and 2 Geo. 5, Ch. 46), li ġie publikat f'Malta bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 5505 tat-28 ta' Ġunju 1912. F'dik id-deċiżjoni hemm ukoll imsemmija d-diversi Orders-in-Council konnessi ma' l-istess materja;

Illi fis-section (1), sub-section (1), tal-Copyright Act, 1911, il-lum publikat "in extenso" fil-pag. 271 tal-Vol. VI ta' l-Edizzjoni Riveduta, ġie statwit illi "subject to the provisions of this Act, copyright shall subsist for the term provided in the Act in every original literary, dramatic, musical and artistic work". F'dan il-każ mhux kontrovers li jissussisti, għar-rigward ta' l-opera "Boheme", id-dritt tal-Copyright;

Illi fis-subsection (2) tas-section (1) ġie definit bħala "Copyright", għall-finijiet ta' l-Att, "the sole right to produce, or reproduce, the work or any substantial part thereof, in any material form whatever, to perform the work, or any substantial part thereof, in public". Inoltre, fis-section (2) subsection (1) jingħad illi "copyright shall be deemed to be infringed by any person who, without the consent of the owner of the copyright, does anything the sole right to do which is by this Act conferred on the owner of the copyright". Mela jekk persuna "performs the work, or any substantial

part thereof, in public", bla kunsens ta' l-awtur, tkun qiegħda tikkontravvjeni l-"copyright";

Illi "ex admissis" il-konvenut Bugeja iddirieġa l-orkestra fl-okkażjonijiet fuq imsemmija (ara dikjarazzjoni tiegħu fol. 8 tergo), u b'hekk dan il-konvenut eżegwixxa fil-publiku x-xogħol, jew biċċa mix-xogħol, kopert mill-"Copyright";

Illi dan il-konvenut oppona illi hu ppresta l-opera tiegħu gratuwitament. Ma jidherx li dan il-fatt hu kontrastat; iżda b'dana kollu r-responsabilità tiegħu tibqa' xorta waħda. Apparti dak li sejjer jingħad għall-konvenut Schembri, fil-każ ta' dan il-konvenut Maestro Bugeja wieħed irid jara biss jekk hu eżegwiex, bla kunsens ta' l-awtur, parti sostanzjali tax-xogħol fil-publiku. Issa hu prinċipju akkolt ukoll mill-Qrati ta' Malta illi, biex rappreżentazzjoni tkun fil-publiku, ma hemmx bżonn li jkun hemm profitt. Fil-kawża "Duck vs. Bates", 1884, 12 Q.B.D. 79, l-Imħallef li ppresjeda dik il-Qorti, Lord Brett, qal:— "It is not necessary that there should be profit made by the representation". U Lord Justice Romer, fil-kawża "Jennings vs. Stephens", 154, L.T. Rep. 479, 1936, Ch. 469, qal:— "Nor, with all deference to all those who think otherwise, can I agree that it makes a difference whether the actual performers are paid for their services or give them gratuitously" (ara, kwantu għall-ġurisprudenza Maltija, is-sentenza mogħtija mill-Imħallef sedenti, Prim'Awla, "Kaptan Mallia ne. vs. Oscar Sammut ne.", l-ewwel ta' Ottubru 1936). Għalhekk, ankorkè ppresta l-opera tiegħu gratuwitament, jibqa' dejjem li dan il-konvenut eżegwixxa fil-publiku, bla kunsens ta' l-awtur, xogħol kopert mill-"Copyright";

Illi lanqas tiswa, biex tiskaġjona lil dan il-konvenut, mir-responsabilità tiegħu, iċ-ċirkustanza li Dr. Toledo, preżumibilment l-organizzatur ta' dawn il-kunċerti ta' beneficenza, kien kellem lill-Kurunell Mallia bħala aġent lokali ta' "The Performing Right Society Limited", u li dan tah il-permess li jeżegwixxi gratuwitament mużika tutelata mid-dritt ta' awtur. Infatti, mix-xhieda ta' Carabott (fol. 16 u 16 tergo), u mix-xhieda tal-Kurunell Mallia fol. 33, kif ukoll mid-dokumenti eżibiti minn dan ix-xhud ta' l-aħħar, jidher illi s-Soċjetà rappreżentata minnu setgħet tagħti biss l-eżenzjoni għal dawk li jissejħu "piccoli diritti", u mhux għal "grands droits",

kif inhi indiskutibilment l-eżekuzzjoni ta' att sħiħ ta' opera;

Illi ċ-ċirkustanzi l-oħra, li l-promotur ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet kien it-Tabib Toledo, lanqas ma tiswa lil dan il-konvenut — apparti l-kwistjoni tar-responsabilità ta' Dr. Toledo, "si et quatenus", jekk hu "authorised the infringement"; salvi konsiderazzjonijiet oħra;

Ikkunsidrat, kwantu għall-konvenut Schembri;

Illi skond is-subsection (3) tas-section (2) tal-Copyright Act (paġ. 273, Vol. VI Rev. Edit.), "Copyright in a work shall also be deemed to be infringed by any person who, for his private profit, permits a theatre or other place of entertainment to be used for the performance in public of the work without the consent of the owner of the copyright";

Illi l-Copinger and Skone James — "On the Law of Copyright", Eighth Edition, 1948, paġ. 155 — igħidu hekk:— "It will be noticed that in order to bring the case within this subsection, the defendant must have permitted user 'for his private profit', so that a person who 'gratuitously' allows a place to be used for a public performance, is not liable under this subsection";

Illi f'dan il-każ ma ġiex pruvat li l-konvenut Schembri ta l-użu tar-Radio City Opera House bi ħlas. Evidentement l-organizzaturi ħallsu biss l-ispejjeż. Għalhekk, ġaladarba dan il-konvenut la ħa u lanqas kien miftiehem li jieħu xi ħaġa għall-"private profit" tiegħu, per konsegwenza hu ma jistax ikun miżenut responsabili skond il-liġi ċitata, għaliex ikkonċeda l-użu tat-teatru gratuwitament;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur nomine ma pprova bl-ebda mod, għall-finijiet tat-tielet domanda, li dan għamel jew għandu fil-pussess tiegħu l-manoskritti jew l-ispartit tal-mużika in kwistjoni — prova li saret aktar meħtieġa in vista tal-fatt li l-konvenut Bugeja, tant fl-eċċezzjonijiet kemm fid-dikjarazzjoni tiegħu, ċaħad reċiżament li l-eżekuzzjoni saret fuq il-partitura manoskritta magħmula minnu, anzi, fl-aħħar paragrafu tad-dikjarazzjoni tiegħu, qal li kien Dr. Toledo li tah il-mużika li huwa mbagħad iddirieġa;

Kwantu għall-ammont tad-danni;

Illi "ex concessis" l-eżekuzzjoni tat-tliet att ta' l-opera "La Boheme" saret darbtejn kontravvenzjonalment. Għa kull eżekuzzjoni ta' l-opera intiera d-dritt ta' l-awtur kien ikun ta' £20. Fil-fatt sar att wieħed, u għalhekk l-attur nomine fid-dikjarazzjoni semma bħala somma tad-danni t-terz ta' dik is-somma *għal* kull rappreżentazzjoni;

Illi f'din *il-materja*, kif jgħidu l-awturi fuq ċitati, (op. ċit. pag. 164), "generally the damages may be said to be at large". Il-miżura tad-dannu hija anki d-deprezzament kaġunat *lill-valur tal-"copyright"*. *Għandu* wkoll jiġi kunsidrat illi għar-reċiti ta' beneficenza soltu tingħata riduzzjoni talgħoxrin fil-mija (ara dok. fol. 26 tergo). Meqjus hekk, iddannu jista' jiġi *likwidat fis-somma infraskritta*;

Kwanto għal*i-kap ta'* l-*ispejjeż*;

Illi għalkemm skond section 6 (2) ta' l-Att, il-kap ta' l-ispejjeż fl-inċidenza tiegħu huwa "in the absolute discretion of the Court", b'dan kollu hu *paċifiku li*, peress li din hija dejjem "a judicial discretion", għalhekk l-inċidenza f'"copyright case" għandha tkun regolata bħal f'kawżi oħra; u għalhekk is-section 6 (2) ma għandhiex *titqies bħala li* idderogat b'xi mod *għar-regoli* ordinarji (op. ċit., pag. 177);

Illi għalkemm l-istanza ma hijiex sorretta kontra l-konvenut Schembri, eppure dan ma jistax jiġi meħlus għal kollox mill-*ispejjeż*; *għaliex fl-ittra tiegħu fol. 5, responsiva għal dik ta'* l-attur nomine, hu ma semma bl-ebda mod il-motiv tal-gratuwità li fuqu l-attur seta' jiddeċidi li ma jiċċitahx kieku semmih "*a tempo*";

*Għal dawn ir-raġunijiet*;
Tiddeċidi;

Billi teskludi l-istanza in kwantu diretta kontra l-konvenut Schembri fl-ewwel u fit-tieni domanda; l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, dritt tar-Reġistru bin-nofs;

Billi tilqa' l-ewwel u t-tieni domanda in kwantu diretti kontra l-konvenut Bugeja, u tikkundannah iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £10 b'kollox. L-ispejjeż relativi għal dawn iż-żewġ domandi a kariku ta' dan il-konvenut;

Billi tiċħad it-tielet domanda diretta kontra l-konvenut Bugeja, bl-ispejjeż tagħha mingħajr taxxa; dritt tar-reġistru a kariku tal-konvenut nomine.